MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Numru. 600/2000

PULIZIJA
SPETTUR HELGA DEBONO
VS
JOSEPH AQUILINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Aquilina, ta' 25 sena, bin Paul u Helen nee' Grech, imwieled Pieta' fil-5 ta' Lulju 1975, u residenti 21, Sirens Street, Senglea, detentur tal-karta tal-identita' numru 320075(M), u akkuzat talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar xhur b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn

obbligi, jew billi dahhal dawnil-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l–atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jewk ellhom jippruvaw u cioe' billi iffalsifika diversi cekkijiet tal-BOV u tal-HSBC u kif ukoll karta tal-identita' u licenzja tas-sewqan ta' M.Hegarty u aktar talli xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat u dan bi ksur tal-Artiklu 183, 184 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(b) iffalsifika cedula, polza ordni jew dokumenti ohra u cioe' cekkijiet tal-BOV li jindikaw akkont fittizzju f'isem M.Hegarty u cekkijiet tal-HSBC fuq l-akkont ta' David Aquilina u banek ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghtuf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-Artiklu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(c) b'mezzi kontra l-ligi, jwe billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta; kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' Lm1103.75 ghad-dannu ta' Bank of Valletta, HSBC, Joseph Busuttil, David Aquilina, M'Hegarty u diversi persuni ohra bi ksur tal-Artiklu 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(d) xjentement laqa' ghadnu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom bi ksur tal-Artiklu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(e) bhala persuna mhux awtorizzata ghamel xi marka jew dhul fuq, jew hassar, ikkancella, biddel, jew issostitwixxa xi marka jew dhul maghmul fuqha, jw xorta ohra hassar jew iddistrugga l-karta tal-identita' ta' Mark Lino Hegarty u aktar talli kien fil-pussess tal-imsemmija karta tal-identita', ghamel uzu minnha u dan bi ksur tal-Artikli 11 u 12(1) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta

(f) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor b'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' taghrif falz u dan bi ksur tal-Artiklu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(g) ikkommetta serq ta' diversi cekkijiet mahruga mill-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' J.Busuttil u cekkijiet mahruga mill-HSBC fuq l-akkont ta' David Aquilina, u dan ghad-detriment tal-istess banek, jigifieri l-Bank of Valletta u HSBC, David Aquilina u J.Busuttil u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-Artikli 268 u 271
(h) u aktar talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS175 George Pace u PC179 Raymond Aquilina, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti
(i) u aktar talli safa' recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 21 t'April 1998, 3 ta' Gunju 1998, u 27 t'Ottubru 1998, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Helga Debono jirrizulta li fit-13 ta' Gunju 2000, il-Pulizija rceviet rapport minghand Joseph Louis ta' Louis Jewelry, illi certu individwu kien xtara curkett minn ghandhom ghal l-ammont ta' Lm104 b'cheque number 620, liema cekk irrizulta li kien misruq.

Joseph Louis ghadda f’idejn il-Pulizija CCTV video tape tas-security system tieghu li kien juri l-individwu koncernat. Apparti minn hekk, l-account holder, cioe’ David Aquilina kkonferma li c-cheque book tieghu mahrug mill-HSBC kien gie misruq xi tlett gimghat qabel dan l-incident. Dan ic-cheque book kien misruq minghand il-bakery ta’ David Aquilina stess. Minn investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija, jirrizulta illi kien l-imputat Joseph Aquilina li mar fil-hwienet u xtara diversi oggetti, cioe’ hwejjeg minn Replay, oggetti tal-hwejjeg minghand O’Neill u curkett tad-deheb iehor.

Illi fis-16 ta’ Gunju 2000, Spettur Debono ma’ PS1185 u PC179 wettqu tfittxija fir-residenza tal-imputat, fejn gew elevati xi tops u zarbun tal-O’Neill. L-imputat ma kienx ammetta l-involviment tieghu, kien irrilaxxa stqarrija fejn qal li kien ghamel zmien jahdem ghand David’s Bakery u li l-oggetti tal-O’Neill kienu gew moghtija lilu bhala rigal mill-girlfriend tieghu Mary Louise, u dan xi sena qabel l-incident.

Fit-23 t’Awissu 2000, il-Pulizija rceviet rapport ulterjuri fejn kienu qed jigu ffalsifikati cheques, cioe’ kkupjati minn originali, liema original kien insteraq minn certu Joseph Busuttil. Diversi stabbilimenti nfatti rrapurtaw li persuna kien qed jixtri oggetti fosthom Nokia 810, gizirajjen tad-deheb, nuccali tax-xemx Oakley, pram tal-marka Neonato, etc, u dan il-persuna li kien qed iwettaq is-serq b’cheques foloz kien sahansitra jipprezenta l-ID Card u licenzja tas-sewqan f’isem certu Mark Lino Hagarty.

Il-Pulizija mill-investigazzjonijiet taghhom saru jafu li dan l-individwu kien mar fil-bazaar ‘The Orange Tree’, Sliema, ghamel diversi photocopies tal-kulur ta’ dan ic-cheque, u ppreciza li riedhom ghall-Avukat tieghu. Il-Pulizija kienu waslu ghall-konkluzjoni li dawn ic-cheques kienu qed jigu prezentati mill-imputat, li gie arrestat, waqt liema arrest filfatt l-imputat irrezizta dan l-arrest u anke harab sakemm rega’ gie mrazzan.

Il-Pulizija nvestigaw l-gharusa tal-imputat li kienet tqila u din ikkonfermat illi l-gharus taghha, l-imputat, kien ghadu

kemm xtralha ‘pram’ ghat-tarbija li kienet qed tistenna illi kienet taqbel fid-deskrizzjoni ma’ dik tal-marka Neonato, li giet mixtrija b’cheque falz. Ikkonfermat illi kellha f’idejha wkoll in-nuccali tax-xemx tal-imputat li kien tahulha biex izzommulu.

Schembri nfurmat ukoll lill-Pulizija illi l-imputat kien qalilha li din il-pram kienet rigal minghand missier Aquilina, waqt li n-nuccali kien xtrah b’Lm10.

Aquilina rrilaxxa stqarrija fejn ammetta illi hu, flimkien ma’ persuna ohra, ghamlu l-photocopies tac-cheque, li ffalsifikaw identity card u licenzja tas-sewqan ta’ Hagarty, li pprezenta cekkijiet li bihom kien xtara l-pram u n-nuccali biss. L-imputat Aquilina fl-istqarrija qal illi c-‘cheque book’ originali flimkien mad-dokumenti, kien xtrahom ghal Lm20 minghand l-istess persuna. L-istqarrija tal-imputat qeghda mmarkata bhala HD1 a fol 67 et seq.

Gew ipprezentati wkoll ‘top’ u zarbun tal-marka O’Neill elevati mir-residenza ta’ omm l-imputat, kif ukoll ic-CCTV minghand Louis Jewelry li giet immarkata bhala HD5. Gew esebiti erba’ cheques HD6-9 u zewg skritturi HD11 u HD12 miktuba mill-imputat. Gew esebiti wkoll zewg ‘counterfeit cheques’ HD13 u HD14 u ritratti JH1-8.

Anthony Tabone, a fol 75, ikkonferma li hu ghandu hanut tal-‘prams’ fi Strada Rjali l-Hamrun, u dan ikkonferma li kien l-imputat illi xtara pram minn ghandu, hallsu permezz ta’ cheque bl-identity card, gharaf il-‘pram’ li kienet tidher fuq ritratti JH3, 4, 5, u kkonferma li hu ma thallasx ghax-xiri ta’ dan il-‘pram’, stante li l-bank ma onorax dan ic-cheque, li kien f’ammont ta’ disgha u disghin lira Maltin (Lm99).

Carmel Farrugia, head tas-‘security department’ tal-Bank of Valletta, ipprezenta tlett cheques CF1, 2, 3, li kienu ‘counterfeit cheques’.

Mark Bugeja, sid l-‘stationery’ ‘The Orange Tree’ u ‘The Baby Orange Tree’ xehed illi fil-gimgha tal-20 t’Awissu waqt li kien fil-hanut, kien gie l-imputat biex jaghmel

photocopies ta’ cheque. Talab biex jaghmel photocopies tal-kulur. Mark Bugeja xehed illi l-imputat ghamel xi ghaxar kopji u li kopja wahda harget cara. Din il-kopja cara, Mark Bugeja infatti baqa’ jzommha ghaliex kellu suspett f’dak li kien qed jaghmel l-imputat. Din il-kopja giet esebita u mmarkata bhala dokument MB.

Mark Bugeja xehed illi s-‘sales girl’ tieghu nfurmatu illi xi hadd xi ftit jiem qabel kien ghamel xi photocopies ta’ xi cekkijiet.

PS George Pace, a fol 92 et seq, ikkonferma illi kien gie moghti struzzjonijiet biex imur jarresta lill-imputat. Huwa kien mar ma’ PC179 Raymond Aquilina u kkonferma illi l-imputat kien irrezizta dan l-arrest.

Spettur Helga Debono, a fol 96, esebiet nuccali tax-xemx tal-marka Oakley bhala HD16.

Joanne Caruana, sales girl mal-‘Orange Tree Stationery’, ikkonfermat li kien l-imputat illi gie fl-‘stationery’ taghha biex jaghmel ‘coloured photocopies’ ta’ cekk. Ftakret li kien ghamel xi erba’ fotokopji. Joanne Caruana kkonfermat illi ma’ l-imputat kien hemm guvni iehor iktar twil minnu pero’ tal-istess eta’. Ikkonfermat ukoll illi kien l-imputat li taha c-cekk u li hargu minn gol-but. Ikkonfermat li c-cekk kien bhal dokument MB.

Joseph Muscat, a fol 104, sid il-hanut ‘The Freeway’, Bugibba, ikkonferma li hu ghamel rapport lill-Pulizija fid-29 t’Awissu 2000, fuq bejgh ta’ ‘Oakley sunglasses’, li gie mhallas b’cheque li rrizulta li kien falz. Gie muri l-esebit HD16 u kkonferma illi l-Oakley li gie mixtri kien jixbah hafna lil dak muri, u li l-prezz tan-nuccali tax-xemx kien mija u erbghin lira Maltin (Lm140).

PC179 Raymond Aquilina, a fol 109, ikkonferma x-xhieda ta’ PS George Pace. Ikkonferma l-prezenza tieghu fi tfittxija li saret fir-residenza ta’ omm l-imputat u kkonferma l-istatement HD1. PC179 xehed illi meta mar biex jarresta lill-imputat, dan ghadda kartiera lil Alexia Schembri u beda jaghtiha struzzjonijiet biex ma taghtix din il-kartiera lill-

Pulizija. Illi in oltre, l-imputat hataf il-kartiera u telaq jigri biha u mbaghad irritorna l-ghassa tal-Pulizija. Illi anke wara l-arrest, l-imputat beda jhedded lil PC179.

PC179 xehed illi Alexia Schembri kienet zvelat li hija kienet irceviet 'pram' isfar bil-blue, iccekjatha, minghand Aquilina li qalilha li kienet giet moghtija lilhom bhala rigal minghand missieru. PC179 xehed ukoll illi kien innota li apparti l-kartiera, l-imputat kien ghadda lil Alexia Schembri nuccali tax-xemx u meta giet mistoqsija dwaru, ikkonfermat illi dan in-nuccali tax-xemx kien tal-imputat, li qalilha li kien xtrah bi prezz ta' Lm10.

PC179 ikkonferma l-oggetti kollha elevati fis-searches li ghalihom kien prezenti.

Damian Brincat, a fol 116, ikkonferma li huwa ghamel rapport lill-Pulizija dwar cekk falz u kkonferma illi c-cekk falz kien dokument CF1. Ikkonferma li mal-prezentata tac-cekk, gew prezentati wkoll karta tal-identita' u licenzja tas-sewqan ta' certu Hegarty.

David Hawkins, a fol 119, sales man ma' Fabian Enterprises Ltd, ikkonferma illi persuna kienet giet tixtri 'air conditioner' u 'mobile phone' mill-hanut taghhom u hallset permezz tac-cekk li rrizulta li kien falz. Din il-persuna kienet liebsa nuccali tax-xemx silver, ezattament bhal dak muri f'dokument DH6, 7, 8. Ic-cekk il-falz li bih thallset il-kumpanija kien dokument CF1. David Hawkins **gharaf** lill-imputat bhala l-persuna li xtrat l-air conditioner u l-mobile phone.

Anthony Saliba, a fol 135, sid l-istabbiliment Solid Gold, ikkonferma illi kien l-imputat li mar il-hanut tieghu u xtara gizirana li tiswa' Lm295 u li ghaliha hallas b'cekk li wara rrizulta li kien falz. Anthony Saliba wkoll lill-imputat bhala l-persuna illi ghamel dak ix-xiri bic-cekk falz. Ic-cekk ma giex onorat mill-bank.

Caren Mifsud, a fol 141 et seq, 'sales girl' fil-hanut minn fejn l-imputat kien xtara nuccali tax-xemx tal-marka Oakley, permezz tac-cekk dokument CF3, **gharfet** lill-

imputat bhala l-persuna li xtara n-nuccali b'cekk falz. Giet murija wkoll TH6, 7, 8, u kkonfermat li dak kien in-nuccali li xtara l-imputat, u dan in-nuccali kkonfermat li kien jiswa' iktar minn mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120). Caren Mifsud ikkonfermat ukoll illi l-imputat kien xtara xi beritta apparti n-nuccali.

Alexia Schembri, a fol 146, it-tfajla tal-imputat, xehdet illi l-Pulizija kienu kellmuha ghar-rigward 'pram' u nuccali tax-xemx. Ikkonfermat li n-nuccali tax-xemx kien tal-imputat, u li l-'pram' kien rigal minghandu, giet murija TH1-7 u gharfet il-pram kif ukoll in-nuccali tax-xemx.

Spettur Alfred Mallia, a fol 152, ikkonferma illi l-imputat kien irrezizta l-arrest u l-istorbju li kien ghamel meta filfatt gie arrestat.

Nathalie Sammut, a fol 155, 'sales girl' ma' Top Line St Andrews, **gharfet** lill-imputat u kkonfermat li kien hu illi dahal fil-hanut taghhom, xtara xi tlett bicciet hwejjeg, u par zarbun u hallas permezz ta' cekk. Dan ic-cekk ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) kien filfatt ma giex onorat mill-bank. Ikkonfermat ukoll l-oggetti esebiti bhala dawk li nxtraw mill-imputat mill-hanut taghha.

Martin Bajada, espert fil-kaligrafija, wara l-analizi tac-cheques u l-handwriting tal-imputat, wasal ghall-konkluzjoni li l-id li kitbet id-dokumenti JAZ1, 2, 3, hija l-istess id li kitbet ic-cheques tal-BOV esebiti bhala CF1, 2, 3, u AS. Ic-cekkijiet tal-BOV huma esebiti a fol 64, u c-cheques tal-HSBC esebiti a fol 64 (ara fol 176).

Joseph Busuttil, a fol 192 et seq, ikkonferma li c-cheque book tieghu kien gie misruq mill-karozza tieghu, li kienet ipparkjata f'Ta' Qali.

Gew esebiti wkoll zewg sentenzi dokument HD17 u HD18 tat-3 ta' Gunju 1998 u tas-27 t'Ottubru 1999 fil-konfront tal-imputat.

Spettur Hubert Cini, xhud tal-identita' tas-sentenza tal-21 t'April 1998, xehed a fol 216.

PS 516 Alfio Borg, esebixxa video dokument AB2.

Mark Hagarty xehed illi huwa kien tilef l-identity card tieghu fis-sena 200, kif ukoll il-licenzja tas-sewqan, waqt li hu kien fl-isports pavilion ta’ Bormla, meta xi hadd sgassa l-karozza tieghu. Mark Hagarty ikkonferma li l-identity card tieghu hija 0429998(M). Gie muri c-cheques dokument CF12, 3, u AS u MB, u kkonferma li dawn ic-cheques qatt ma mlihom hu, u l-firma mhijiex tieghu. Ikkonferma wkoll li l-handwriting fuq kull cheque lanqas ma kienet tieghu.

A fol 239, l-imputat ta t-testimonianza tieghu u beda biex jikkonferma kif u ghaliex harab mill-Pulizija u ghaliex beda jirrezizti l-arrest. Xehed illi huwa kien lest li jammetti l-involviment tieghu rigward cekk wiehed biss, u cioe’ dak ta’ Hagarty, pero’ jghid li huwa ma kellux x’jaqsam xejn ghar-rigward tac-cekk ta’ David Aquilina, u ghaldaqstant ma kienx lest li jammettih, u li hu kien lest li jhallas elf mija u tlett liri Maltin (Lm1103).

Ghar-rigward tac-cheques ta’ David Aquilina li gew ikkupjati, l-imputat innega li mar jaghmel il-fotokopji. Ghar-rigward tal-hwejjeg pero’, l-imputat jghid li dawn gew moghtija lilu bhala rigal minn certu Louise Bugeja, ara xhieda a fol 245, u dan waqt li hu kien il-habs fin-1998. Ghar-rigward tad-dokumentazzjoni ta’ Hagarty u cioe’ l-identity card u d-driving licence, l-imputat jammetti li setghet giet f’idejh l-karta tal-identita’ ta’ Hagarty, pero’ jinnega li jaf b’xi haga dwar il-licenzja tas-sewqan tal-istess persuna. Jghid illi Hagarty kien ghaddielu l-karta tal-identita’ tieghu, illi pero’ qatt ma ghamel uzu minnha. Lanqas ma jiftakar li baghbas l-karta tal-identita’ ta’ Hagarty.

Fil-fazi finali tal-kawza, l-imputat iddecieda li jibda’ program mal-Caritas, u dahal vicin l-Ewwel tas-Sena 2004.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda kollettiva ta' dan il-process, din il-Qorti ghandha quddiemha provi zgjaccanti, infatti ftit huma dawk il-kawzi fejn ikollok gharfien tal-identita' tal-imputat daqshekk inekwivoka u determinata u ripetuta. Infatti, is-sidien tal-hwienet u s-'sales people' li trattaw mal-imputat, kollha kienu f'pozizzjoni li gharfuh minghajr ebda tlaqliq, bhala l-persuna li xtara oggetti identifikati u determinat b'cekk illi kien falz. Hekk filfatt ghamel Anthony Saliba a fol 127, Caren Mifsud a fol 144, Fabian Brincat a fol 118, David Hawkins a fol 122 u Nathalie Schembri, apparti x-xhieda ta' Alexia Schembri, l-girlfriend tal-imputat li kkonfermat il-cosi dett 'rigal' tal-pram, u n-nuccali tax-xemx li gie elevat mill-Pulizija u jinstab esebit mal-atti, kien gie mghoddi lilha mill-imputat.

Illi infatti, l-imputat ammetta l-involviment kollu ghar-rigward ic-cekkijiet li huwa jghid li huma ta' Hegarty.

Illi ghar-rigward tac-cekkijiet falsifikati ta' David Aquilina, l-imputat irrifjuta li jiehu r-responsabbilita' ghalihom.

Illi x-xhieda massicca li hemm fil-konfront tal-imputat b'ebda mod ma' tista' tikkombaci mac-cahda pwerili tal-imputat, u dan qieghed jinghad ghaliex ix-xhieda ta' Mark Bugeja kienet wahda mill-aktar precizi u Mark Bugeja tal-Orange Tree Bazaar, mhux biss identifika lill-imputat bla ebda tlaqliq, izda zamm kopja tal-photocopy illi l-imputat kien ghamel fl-istabbiliment tieghu, ghax ghajnu ghorkitu minnu. Hekk ukoll is-sales girls tieghu Joanne Caruana, a fol 98, gharfet u identifikat lill-imputat bhala l-persuna li dahal fl-stationery u ghamel erba' kopji ta' cekkijiet.

Joanne Caruana kkonfermat illi dawn il-kopji tac-cekkijiet kienu ezattament bhal dokument MB.

Ghar-rigward tad-dokumentazzjoni ta' Hegarty, u l-akkuzi migjuba kontra l-imputat rigwardo, din il-Qorti taghmel referenza ghal dokument HT1, cioe' t-tieni stqarrija tal-imputat, a fol 67, fejn dan jghid precizament dawn il-kliem:

'iva xtrajt identity card u licenzja tas-sewqan li kien ta' certu Hegarty

mistoqsija: inti ghamilt ir-ritratt tieghek fuq il-licenzja tas-sewqan u fuq l-identity card ta’ Hegarty
twegiba: iva jien biddilt ir-ritratt u ghamilt wiehed minn tieghi.’

Illi ghar-rigward l-uzu ta’ dawn id-dokumenti, il-Qorti taghmel referenza ghal xhieda aktar ‘l fuq, fejn is-sidien kollha tal-hwienet, vittmi tal-prassi frawdolenti tal-imputat, kollha qalu li mac-cekk, l-imputat kien wera identity card u licenzja tas-sewqan ta’ Hegarty, bir-ritratt tieghu fuqu.

Illi ghaldaqstant, jibqa’ biss biex jigi ezaminata l-akkuza ta’ rezistenza bi vjolenza. Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda ta’ PS 175 George Pace, u PC 179 Raymond Aquilina, kif ukoll ix-xhieda tal-Ispettur Alfred Mallia, u hija tal-fehma illi l-imputat mhux biss irrezista bi vjolenza lil dawn l-ufficjali tal-Pulizija, izda ghamel dan semplicement halli jkun jista’ jahrab mill-kustodja tal-Pulizija u jiehu mieghu l-kartiera illi ma riedx li taqa’ f’idejn il-Pulizija.

Il-Qorti rat ukoll illi minhabba r-rezistenza illi ghamel l-imputat, intlaqtet intortament il-girlfriend tieghu Alexia Schembri li kienet incinta. Ta’ dan l-imputat lanqas ma kien kapaci jiehu responsabbilita’ u ra kif ghamel biex jipprova jixli lil haddiehor b’ghemiltu.

Illi mbaghad ghar-rigward tar-recidiva, il-Qorti rat is-sentenzi tas-27 t’Ottubru 1998, u tat-3 ta’ Gunju 1998, kif ukoll dik tal-21 t’April 1998, il-Qorti rat il-verbal tal-14 ta’ Jannar 2002, fejn id-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni mix-xhieda tal-identita’ dwar is-sentenzi fuq indikati u accettat l-istess sentenzi bhala dawk moghtija validatament fil-konfront tal-imputat.

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, ma jirrizultax ippruvat bla dubju dettat mir-raguni li l-akkuza (g) u cioe’ dik ta’ serq.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi, ghajr ghal akkuza (g) li minnha qed tilliberah, u wara li rat Artikli 183, 184, 189, 167, 169, 308, 309, 334, 188, 96, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artiklu 11 u

12(1) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sentejn u nofs prigunerija. In oltre tordna illi l-imputat ihallas is-somma ta' elf, mija u erba' u hamsin lira Maltin, u hamsa u sebghin centezmu (Lm1154.75) lill-kwerelanti. Din is-sentenza ta' prigunerija qed tigi nflitta fuq l-imputat wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali parissima refrettarissima tal-imputat, li tlahhaq mas-sitta u tletin faccata.

Jidher car li l-imputat ma ghamilx uzu mill-opportunitajiet li gew moghtija lilu minn diversi Qrati sabiex jirriforma ruhu. Din il-Qorti hija konxja tal-fatt li l-imputat ghandu problema kbira tad-drogi u ma tantx hi mpressjonata bil-manjiera li biha l-imputat fl-ahhar stadju tal-proceduri quddiem din il-Qorti, ipprova jidhol fil-programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni kontra d-drogi fi sforz biex minghalih jiggwadanja xi vantagg jew klemenza minn din il-Qorti. Dawn huma semplici tattici pwerili li ma jiswew ghal xejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------